**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru KAX 37-2017**

**25 ta' April 2017**

Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson*
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku

**ASSENTI**

Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Iċ-*Chairperson,* is-Sur Mark Busuttil ippresjeda l-laqgħa.

**37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

37.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

37.2.1 Il-Kumitat għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri KAX 35-2017 u KAX 36-2017 u li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kumitat u ġew iffirmati miċ-*Chairperson* u s-Segretarju Eżekuttiv.

**37.3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

37.3.1 Iċ-*Chairperson* stieden lis-Sindku sabiex titkellem dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni li qed isir fix-Xlendi. Huwa lmenta li l-moll tax-Xlendi għadu ma tranġax u qed fil-periklu li jiġġarraf. Ġie deċiż li l-Kumitat jibgħat *reminder*.

---

Għalkemm il-ġbir tal-boroż is-suwed qed isir ukoll il-Ħamis barra t-Tnejn u s-Sibt, xorta qed ikun hemm ħafna boroż fit-toroq. Il-problema hija s-sidien tal-istabbilimenti tal-ikel. Is-Sindku ser tkellem lill-uffiċjal tal-Malta Tourism Authority sabiex twissi lis-sidien tal-istabbilimenti tal-ikel.

37.3.2 Iċ-*Chairperson* flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku attendew għall-konferenza li s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onorevoli Stefan Buontempo, għamel mal-Kumitat Reġjonali, Kunsilli Lokali rispettivi u Kumitati Amministrattivi li saret fil-25 ta' Marzu 2017 fil-Kunsill Lokali tal-Għarb, Għawdex. L-għanijiet prinċipali ta' din il-laqgħa huma sabiex is-Segretarju Parlamentari jisma' lil dawn l-awtoritajiet kif ukoll jisma' b'xi proposti tal-istess awtoritajiet lokali. F'aħħar tal-konferenza, is-Segretarju Parlamentari ġie mitlub sabiex joħroġ skemi ta' finanzjament speċifikati għall-Kumitati Amministrattivi sabiex b'hekk ikunu aktar effettivi.

**37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri**

37.4.1 Iċ-*Chairperson* staqsa dwar jekk hemmx bżonn li ż-żewġ bankijiet tal-*concrete* li l-maltemp kaxkar għal ġol-baħar jittellgħu. Il-Ministeru għal Għawdex ser jipprovdi l-bugħaddas u l-Kumitat/Kunsill irid iħallas għall-*crane*, *truck* u post fejn jiddisponi minnhom. Ġie deċiż li għalissa l-bankijiet jibqgħu hemm.

**37.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

37.5.1 Is-Sindku infurmat lill-Kumitat li xi ġimgħat ilu nżabar il-Palm tal-*Parking*. Bdiet issir il-manutenzjoni billi jsir xogħol ta' żebgħa u saru mill-ġdid is-sinjali tal-art. Ġiet ordnata tabella *no parking* max-xtajta fejn hemm ir-ramel. Twaħħlu erba' bankijiet max-xtajta.
It-tabella bil-mappa tax-Xlendi u Għawdex inqagħlet minn postha u twaħħlet f'post ġdid fejn issa ser tintuża aktar b'kumdità. Inbidlu l-bozoz maħruqa ta' Triq il-Kantra.

**37.6 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

37.6.1 Il-Kumitat irċieva proposta sabiex isir il-'*Giochi - It's a knock-out*' fix-Xlendi. Huma qed jitolbu s-somma ta' €600. Iridu jinstabu erba' timijiet b'ħames persuni kull tim u għax-Xlendi huwa diffiċli li jinstabu. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kumitat ma jiħux sehem f'dawn il-logħob.

37.6.2 Il-Kumitat irċieva talba mingħand persuna sabiex jerġa' jorganizza Għawdex Oktoberfest 2017 fix-Xlendi fil-15, 16 u 17 ta' Settembru 2017. Il-post huwa Pjazza l-Anfori. Huwa talab ukoll il-permess sabiex jorganizza *party* fil-ġurnata ta' San Patrizju fis-17 ta' Marzu 2018. Fid-dawl li xahar ilu l-Qorti rrevokat permess għall-*party* fit-triq li kien ħareġ mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan, il-Kumitat iddeċieda li ma jingħatawx permessi aktar għal *parties* fit-triq fix-Xlendi. Din id-deċiżjoni ser tgħaddi lill-Kunsill għaliex fl-aħħar laqgħa ddeċieda li jieħu l-veduta tal-Kumitat Amministrattiv fuq din il-materja.

37.6.3 Il-Kumitat irċieva lment mingħand resident ta' Triq il-Kappar dwar dak il-vann abjad li ilu pparkjat fi Triq il-Kappar għal kważi ħames snin. Ġie deċiż li l-Kumitat jerġa' jikteb lill-Pulizija sabiex dan il-vann jitneħħa.

37.6.4 Il-Kumitat irċieva mingħand il-persuna li qed tieħu ħsieb timla l-applikazzjoni għall-*funding* mill-Unjoni Ewropea sabiex it-torri jiġi restawrat. Huwa jrid ikun jaf jekk huwiex ser isir *landscaping* madwar it-torri, rigward l-aċċess u l-istima tal-*interpretation centre*. Il-Kumitat ma jaqbilx li jsir *landscaping* madwar it-torri.

**37.7 Attivitajiet Sajf 2017**

37.7.1 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ Ċirkulari Numru 9/2017 bis-suġġett Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund*: l-Ewwel Sejħa għal attivitajiet minn Lulju sa Diċembru 2017; u t-Tieni Sejħa għal attivitajiet minn Jannar 2018 sa Diċembru 2020. Din iċ-ċirkulari tkompli ma' Ċirkulari Numru 5/2017. Bħala parti mir-riforma fil-qasam tal-Gvern Lokali, l-iskema ta' finanzjament għall-attivitajiet kulturali ġiet mibdula u nħoloq il-*Local Government Cultural Fund*. Peress li l-aħħar sejħa kienet tkopri sa Ġunju 2017, ser ikun hemm sejħa għal proposti ta' attivitajiet kulturali maħsuba bejn Lulju u Diċembru 2017. L-inizjattiva finanzjarja l-ġdida ser tkun immirata biex tippromwovi u tgħolli l-i*standard* tal-kultura fuq livell lokali u ser tkun ibbażata fuq medda ta' tliet snin li jkopri minn Jannar 2018 sa Diċembru 2020. Din tal-aħħar ser tkun l-iskema l-ġdida li għandha tgħin lill-awtoritajiet lokali li jippjanaw fit-tul u fejn l-attivitajiet ikunu ta' livell. Is-sottomissjonijiet permezz ta' *business plan* iridu jgħaddu mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Amministrattivi lir-Reġjuni rispettivi tagħhom imbagħat ir-Reġjuni jwassluhom kollha lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Fil-każ tal-Ewwel Sejħa s-sottomissjonijiet iridu jaslu għand ir-Reġjuni rispettivi sa nofsinhar tad-9 ta' Mejju 2017 u mbagħat ir-Reġjuni jwassluhom fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sa nofsinhar tat-12 ta' Mejju 2017. Fil-każ tat-Tieni Sejħa s-sottomissjonijiet iridu jaslu għand ir-Reġjuni rispettivi sa nofsinhar tal-24 ta' Lulju 2017 u mbagħat ir-Reġjuni jwassluhom fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sa nofsinhar tat-28 ta' Lulju 2017. Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati. L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet issir minn bord magħmul minn numru ta' speċjalisti fil-qasam kulturali. Ser issir sessjoni ta' informazzjoni sabiex tinforma aħjar.
Il-Kumitat iddeċieda li japplika għall-Ewwel Sejħa - attivitajiet minn Lulju sa Diċembru 2017 u jorganizza Kalendarju ta' Attivitajiet 2017, bħalma għamel fis-snin l-imgħoddija.

**37.8 Xogħlijiet u Proġetti fix-Xlendi**

37.8.1 Il-proġetti li hemm ippjanati fix-Xlendi huma l-bdil tal-lampi f'dawk b'lanterna LED, twaħħil ta' siġar fil-*pots* u xiri ta' *bins*.

**37.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

37.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għad-29 ta' Mejju 2017 u fil-5 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 29 ta' Mejju, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Mark Busuttil | Anthony Grech |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |